**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 469/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Angus Buhagiar**

Seduta tas-26 t'April, 2017

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant, Angus Buhagiar, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 210687M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fil-21 ta' Marzu 2012 ghall-habta tat-15:00hrs fl-inhawi ta' l-Ahrax tal-Mellieha waqt stagun maghluq ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq l-art, sakemm ma tingiebx prova kuntrarja, kull persuna li bejn saghtejn qabel tlugh ix-xemx u saghtejn wara nzul ix-xemx, jew matul xi stagun maghluq, tinsab barra fil-miftuh fil-kampanja,

sew jekk fuq l-art tieghu sew jekk fuq l-art ta' xi persuna ohra jew ukoll barra minn dik l-art, jew tinsab fuq il-bahar iggorr arma tan-nar jew munizzjoni ghat-tehid tal-kacca, hija ghandha titqies li tkun qieghda tfittex jew iddur ghall-ghasafar u dan bi ksur ta' reg. 15 ta' SL 504.71.

2. Talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi waqt stagun maghluq ghall-kacca ta' l-ghasafar minn fuq l-art ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur, jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur ta' reg. 18(1) (a) ta' l-A.L. 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

3. Talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi waqt stagun maghluq ghall-kacca ebda persuna m'ghandha f'ebda mument izzomm jew iggorr arma tan-nar li tkun kargata, jew bl-iskratac fil-kompartiment ta' l-isktratac ta' l-arma, jew barra l-ghata taghha, jekk mhux f'post fejn huwa permess l-isparar fuq il-kacca u dan bi ksur ta' Regolament 17, SL 504.71.

4. Talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra l-ebda persuna m'ghandha tikkaccja jew tipprova tikkaccja, tiehu jew tipprova tiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kemm il darba dik il-persuna ma tkunx fil-pussess ta' licenzja valida skond ma tkun tapplika, mahruga mid-Direttur, u dik il-persuna tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' Reg 12(1) tas-SL 504.71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Ottubru, 2015 li biha sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u

ikkundannatu ghal-hlas ta' multa ta' elf Euro (€1,000) u skwalifikatu minn kull licenzja taht il-Parti XV tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn;

Rat ir-rikors ta' Angus Buhagiar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi, u b'mod subordinat li tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi filwaqt li tiddikjara li fil-kaz odjern ma hijiex applikabbli s-sospensjoni tal-ebda licenzja, tinfliggi piena aktar ekwa u gusta skond il-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant tressaq quddiem l-ewwel Qorti wara li rapprezentanta tal-Bird Life Malta kienet ghaddejja mill-inhawi tal-Ahrax tal-Mellieha waqt stagun mghaluq ghall-kacca u madwar sitt metri boghod minnha rat lil persuna titlaq ghasfur u lil persuna ohra jaqbad senter tal-kacca u jispara fuq l-istess ghasfur u baghat lill-kelb tieghu jigbor lill-ghasfur. Ix-xhud ta' dan kollu hadet ritratt taz-zewg persuni involuti u ritratt tan-numru tal-vettura li fiha telaq dak li skond hi spara fuq l-ghasfur u ghaddiet kollox lill-Pulizija li waslu biex ressqu lill-appellant odjern. Ix-xhud gharfet u

identifikat lill-imputat quddiem l-ewwel Qorti bhala l-persuna li kienet sparat fuq l-ghasfur;

2. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi l-provi tal-prosekuzzjoni ma setghux iwasslu ghal-sejbien ta' htija. L-appellant jilmenta illi l-Pulizija tkellmu mar-rapprezentanta tal-Bird Life Malta, Fiona Burrows, jumejn wara l-allegat incident u mal-appellant erbat ijiem wara. Inoltre, ma saret ebda tfittxija ghal arma tan-nar jew ghall-ghasfur gewwa l-ghalqa in kwistjoni. Dan ir-ragunament huwa wiehed fierah ghall-ahhar. Jekk l-appellant jistenna li ghaliex ma nstabet ebda arma tan-nar jew ghasfur allura ma jista' qatt jitqies li ghamel dak allegat fil-konfront tieghu huwa zbaljat. Ghall dan l-incident kien hemm xhud okulari li ma kellha l-ebda dubju quddiem l-ewwel Qorti li l-persuna li tieghu provdiet ritratt kien il-persuna li quddiemha stess qabad arma tan-nar u spara fuq ghasfur waqt l-istagun mghaluq ghall-kacca;

3. Fl-istess aggravju, l-appellant jillanja l-fatt illi Fiona Burrows kienet infurmat lill-Pulizija li kienet rat il-persuna li fir-ritratt ma kienx liebes beritta jitlaq ghasfur "li kienet qisha xi Malvizz jew xi haga simili bhala daqs u wara ftit sekondi l-istess persuna spara lejn dan l-ghasfur". Ghall korrettezza, dak li xehedu z-zewg ufficcjali tal-Pulizija kien is-segwenti: "Fiona Burrows qaltilna li fir-ritratti jidhru zewg persuni fejn wiehed minnhom li kien bla beritta telaq xi ghasfur simili ta' Melvizz, u sparalu fejn imbaghad telaq il-kelba ghalih". L-appellant jargumenta illi anke li kellha tkun accettata l-verzjoni ta' Fiona Burrows, din ma tistax twassal ghal sejbien ta' htija bi ksur tal-LS.504.71 ghar-ragunijiet segwenti;

4. Hija t-tezi tal-appellant illi skond il-proviso wara r-regolament li jaghti definizzjoni tal-kliem "kacca" u "ghasfur" ir-regolamenti ma japplikawx ghall-ghasafar imwielda u mrobbija fil-mghaluq. Ezaminat l-Avviz Legali 79 tal-2006 indicjat bhala LS 504.71 (llum LS 549.42) kif vigenti fiz-zmien tal-allegati

infrazzjonijiet (ghaliex dan l-Avviz Legali kien suggett ta' diversi tibdiliet matul is-snin), jemergi illi huwa minnu appena taht it-tifsira tal-kelma "ghasfur " u "ghasafar" fir-regoalment 2 hemm is-segwenti eskluzzjoni: "Izda dawn ir-regolamenti m'ghandhomx japplikaw ghal ghasafar imwielda u mrobbija fil-mghaluq". L-appellant izda donnu mhux qed japprezza dak li bih huwa imputat u l-prezunzjoni kontra tieghu;

5. Fl-ewwel imputazzjoni, hemm il-prezunzjoni ta' kacca kontra kull persuna li fi stagun mghaluqa jinsab igorr arma ta' nar jew munizzjoni ghat-tehid tal-kacca, regolament 15. Fit-tieni imputazzjoni, hemm l-illegalita' ta kacca ta' ghasafar jew garr ta' munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha waqt stagun mghaluq ex regolament 18(1). It-tielet imputazzjoni imbaghad ukoll iggib stat ta' infrazzjoni tar-regolament 17 jekk persuna, waqt stagun mghaluq, izzomm jew iggorr arma tan-nar li tkun kargata jew bl-iskratac jew barra l-ghata taghha. L-azzjoni tal-appellant sehhet waqt stagun mghaluq ghal-kacca u ghalhekk ma hi ta' ebda beneficcju ghalih li jghid li l-kacca sehhet fuq ghasfur mrobbi fil-mghaluq, haga din li lanqas biss iddikjaraha meta xehed izda li ghamilha per via ta' sottomissjoni;

6. L-appellant jghamel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Gunju 2014 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Agius in sostenn li l-argument tieghu kien akkolt minn diversi sentenzi tal-Qrati taghna. Ezaminata din is-sentenza, izda, jemergi illi l-mertu kien wiehed assolutament differenti minn dak hawn skrutinat. L-b'imputazzjonijiet f'dik il-kawza kienu ta' hsara volontarja, qtil ta' annimal domestiku, kaccja ta' tajra mharsa bil-ligi u pussess ta' tajr imhares bil-ligi mhux registrat. L-imputazzjoni dwar kaccja ta' tajra protetta ma tinkwadrax fil-kwistjoni odjerna li kif gia inghad titratta dwar garr ta' arma u kacca waqt stagun mghaluq;

7. L-appellant jillanja ukoll il-fatt illi fiz-zmien li Fiona Burrows ghamlet tosserva liz-zewgt irgiel fl-ghalqa, li wiehed minnhom kien

l-imuptat, produciet ritratt wiehed biss taghhom u ebda ritratt ta' xi arma. Il-motivazzjoni taghha li dan sehh ghaliex l-arma kienet mohbija wara cint mhix accettabbli ghall-appellant. Din il-Qorti izda ma tara xejn irragjonevoli f'dan. Burrows hadet ir-ritratti wara l-akkadut biex tipprezerva l-imagini tal-persuni li dak il-hin kienu fil-vista taghha li minn indagini mill-Pulizija irrizulta li kienu l-imputat u zijuh b'dan tal-ahhar ma jkollu ebda sehem fl-isparatura. Ezaminati l-aspetti kollha mqanqla mill-appellant, din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ssib li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

8. L-appellant jillanja ukoll is-sentenza appellata kwantu l-piena erogata b'mod partikolari dwar l-iskwalifika minn kull licenzja taht il-Parti XV tal-Kapitolu 10 tal-ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn. Skond l-appellant, l-allegat incident sehh f'Marzu, 2012 u l-ewwel sentenza inghatat f'Ottubru, 2015 meta fil-mori kienu saru emendi fir-regolamenti. Din il-Qorti ghalhekk ser tezamina l-Avviz Legali 79 tal-2006 kif vigenti fis-sena 2012, id-data tal-incident, kif ukoll fis-sena 2015 meta inghatat is-sentenza bl-iskop illi tara li l-imputat kien jibbenefika mill-aktar piena vantaggjuza meta kien hekk ikkundannat;

9. **Fis-sena 2012**, skond it-Taqsima II tal-Avviz Legali 79/2006 regolament 27(2), ksur tal-artikolu 15, kien jimporta piena ta' multa bejn €232.94 u €4,658.57, konfiska tal-*corpus delicti* u sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug skond it-Taqsima XV tal-Kap 10 meta tinsab htija ghall-ewwel darba. Ksur ta' kull regolament iehor igib mieghu piena ta' multa bejn €232.94 u €2,329.37 u sospensjoni diskrezzjonali tal-licenzji. Fil-kaz odjern, l-ewwel imputazzjoni hi dik ravvizata fir-regolament 15.

10. **Fis-sena 2015** ksur tar-regolament *inter alia* 18, wahda mill-imputazzjonijiet in dizamina, jimporta piena ta' multa bejn €500 u €5000, konfiska tal-*corpus delicti* u sospensjoni tal-licenzji mahruga

taht it-Taqsima XV tal-Kap 10 ghall-perjodu ta' mhux anqas minn sentejn izda mhux aktar minn hames snin meta tinsab hatja ghall-ewwel darba;

11. Illi ghalhekk il-pieni mponibbli fis-sena 2015 huma aktar gravuzi minn dawk imponibbli fis-sena 2012 u l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-piena skont l-Avviz Legali kif vigenti fl-2012 kif fil-fatt ghamlet.